MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 842/2003

**Noel u Simone konjugi MALLAN**
**vs**
**1. Fogg Insurance Agencies Limited ghal surrogati fid-drittijiet ta' Graziella Axiaq u ghal kull interess li jista jkollha**
**2. Graziella Axiaq**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fl-14 ta' Awissu, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi fis-27 ta' Novembru 2001 waqt li l-attrici kienet issuq Ford Escort nru BBA 491 fil-Kalkara hi sfat involuta f'incident awtomobilistiku mat-Toyota Starlet nru EAH 324 misjuqa mill-konvenuta u assikurata, ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta ma Fogg Insurance Agencies Limited noe;

Illi wara l-incident il-konvenuti accettaw responsabilta ghall-istess incident u l-atturi thallsu mill-konvenuti tal-hsara mgarrba mill-Ford Escort;

Illi fl-incident l-attrici sfat imwegga u qed issofri minn debitilazzjoni permanenti u spiccat kellha titlaq ossia baghtuha minn l-impjieg taghha wara t-tehid ta' hafna sick leave;

Illi l-konvenuti ma jridux jaccettaw li l-attrici sfat dizabilitata u li sofriet danni kif imsemmi;

Talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. <u>Tiddikjara</u> li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha mgarrba mill-atturi b'rizultat tal-incident stradali imsemmi;
2. <u>Tillikwida</u> d-danni li dwarhom l-istanti ghadhom ma thallsux – okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;
3. <u>Tikkundanna</u> lill-konvenuti, in solidum, biex ihallsu lill-atturi l-quantum ta' danni hekk likwidat;

Bl-ispejjez, komprizi LM69 ta' ittri u konsulti, u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet tal-konvenuti Fogg Insurance Agencies Limited noe u Graziella Axiaq, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' eccipjenti Fogg Insurance Agencies Limited noe m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma l-atturi stante illi l-prezenti hija kawza ghad-danni naxxenti minn culpa u ghalhekk kellha tigi diretta, unikament, lejn il-persuna illi allegatament ikkagunat id-dannu, u cioe' l-eccipjenti Graziella Axiaq, personalment, b'dan illi l-istess socjeta' eccipjenti Fogg Insurance Agencies Limited noe ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi, fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti Graziella Axiaq, tramite s-socjeta' assikuratrici taghha Fogg Insurance Agencies Limited, accettat ir-responsabilta' ghall-incident awtomobilistiku de quo u effettivament hallset id-danni sofferti mill-atturi fil-vettura taghhom;
3. Illi b'danakollu, skond ma rrizulta lill-eccipjenti wara ezami mill-konsulent mediku minnha inkarigat, Mr Frederick Zammit Maempel, l-attrici Simone Mallan ma soffriet l-ebda dizabilita permanenti bhala rizultat ta' l-incident de quo u kwindi m'hemm l-ebda Danni x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-atturi, b'dan illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Frar 2004 li permezz tieghu hatret lil Charles Grixti bhala espert mediku bis-soliti fakultajiet, inkluz illi jezamina lill-attrici u jirrelata dwar disabilita' permanenti illi din setghet soffriet kawza ta' l-incident in kwistjoni;

Rat ir-rapport tal-espert mediku Charles Grixti, mahluf minnu waqt is-seduta tat-12 ta' Dicembru 2006;

Semghet lix-xhieda li tressqu, rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta' Anabelle Fsadni illi fiz-zmien ta' l-incident in kwistjoni kienet tahdem mas-socjeta' General Gas Limited. Illi s-socjeta' General Gas Limited itterminat l-impjieg ta' l-attrici Simone Mallan peress illi xogholha kien jirrikjedi illi iddum

sieghat bil-qeghda quddiem il-‘computer’ u s-Sinjura Mallan ma kienitx f’posizzjoni li tkompli taghmel dak it-tip ta’ xoghol peress illi kien ikollha ugigh f’daharha u dan l-ugigh bdiet thossu ezatt wara l-incident in kwistjoni. Ix-xhud kompliet tghid illi lanqas ma setghu jaghtuha xi xoghol iehor ghaliex li kieku tawha xi xoghol ta’ ‘clerk’ jew ta’ ‘receptionist’ xorta kien ikollha toqghod bil-qeghda ghal zmien twil u ghalhekk kienet terga thoss l-ugigh f’daharha u kien ghalhekk illi bil-fors kellu jigi terminat l-impjieg ta’ l-attrici. Ix-xhud esebiet dokumenti illi juru illi l-impjieg ta’ l-attrici gie terminat.

Illi d-Dok AF 1 mahrug mis-socjeta’ General Gas Limited u datat 22 ta’ Lulju 2003 juri illi l-attrici irceviet paga imnaqqsa fl-ammont ta’ erba telef mitejn sitta u tletin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (LM4236.96), ekwivalenti ghal disa telef tmien mija u disa’ u sittin ewro u sitta u erbghin centezmu (€9869.46) (vide fol. 87 tal-process). Is-socjeta’ Ventura General Gas Limited infurmat lil ETC illi l-attrici ma baqghetx impjegata maghhom u gie itterminat l-impjieg taghha fid-19 ta’ April 2003.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet l-attrici Simone Mallan u qalet illi l-incident taghha kien jikkonsisti f’habta bejn zewg vetturi head on. Il-vettura taghha kienet habtet ma vettura ohra li kienet giet mill-faccata taghha. B’din id-daqqa hija kienet habtet rasha mal-windscreen, izda il-windscreen ma inkissritx. Kienu harguha mill-vettura u haduha l-isptar bl-ambulanza. L-attrici xehdet illi ma kellha l-ebda ksur, imma kienet ghamlet sena bil-kullar u ghadha sa issa thoss l-ugigh f’ghonqha, jitlalha ‘il fuq u jinzel ‘l isfel u izommilha ukoll sieqha. Hija xehdet illi ghamlet sena shiha tilbes il-kullar il-gurnata kollha hlief meta tidhol fis-sodda u meta jerga jaqbadha l-ugigh ikollha terga tilbes il-kullar. L-attrici xehdet illi minn dakinhar ta’ l-incident ma irrittornatx ix-xoghol. Hi kienet tiehu hsieb il-pagamenti fix-xahar tan-nies illi jhallsu lis-socjeta’ General Gas Limited bl-installments ghall-prodotti illi jkunu xtraw minghand l-istess socjeta’ u ghalhekk xogholha kien fuq il-

‘computer’ il-hin kollu bhala ‘accounts clerk’. L-attrici kompliet tixhed illi l-‘employer’ kien dam zmien twil jistenniha, izda finalment meta kienet qaltlu illi ma kienx ghaddhielha u rat illi ma setghetx tirritorna x-xoghol gie terminat l-impjieg taghha. L-attrici xehdet illi anke meta taghmel xoghol iehor bhal per ezempju xoghol tad-dar, wara certu hin jekk tistrapazza jaqbadha l-ugigh u ikollha tieqaf. L-attrici xehdet illi ghamlet zmien tircievi beneficcju talli kien gie terminat l-impjieg taghha, izda umbaghad beda jahdem zewgha u ma baqghetx tircievi beneficcji.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ukoll id-dokument illi jinsab a fol. 138 tal-process, liema dokument huwa fotokopja tad-decizjoni tal-arbitru numru 416/03 fl-ismijiet Simone Mallan vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali. Illi minn dan id-dokument jirrizulta illi l-arbitru cahad l-appell ta’ l-attrici mid-decizjoni tad-Direttur fejn waqqaf il-hlas tal-beneficcju ghall-mard lill-istess attrici wara li l-Bord Mediku kien iccertifika li l-attrici kienet kapaci ghax-xoghol, u dan wara li l-arbitru kien talab parir tal-Bord Mediku, inkluz specjalista ortopediku li minn naha tieghu kien ikkonkluda li l-attrici kienet tajba biex tidhol lura ghax-xoghol.

Ikkunsidrat :

Illi kif jirrizulta mill-istess citazzjoni, l-attrici thallset tad-danni kollha li sofriet fil-vettura taghha kawza ta’ l-incident in kwistjoni mill-konvenuti Fogg Insurance Agencies Limited, u dan wara illi l-konvenuta kienet accettat ir-responsabbilta tal-incident in kwistjoni.

Illi l-attrici ghalhekk ipprezentat il-kawza odjerna sabiex tottjeni danni ghad-disabbilita permanenti illi hija issostni li issofri minnha u dana peress illi l-konvenuti mhumiex qeghdin jaccettaw illi hija sofriet dawn id-danni.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, fis-sens illi s-socjeta’ konvenuta Fogg

Insurance Agencies Limited noe m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma l-atturi u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju il-Qorti rat illi l-konvenuta Graziella Axiaq kienet accettat ir-responsabbilita taghha ghall-incident in kwistjoni tramite is-socjeta' assikuratrici taghha Fogg Insurance Agencies Limited u f'dak il-mument l-assikurazzjoni konvenuta accettat ir-responsabbilta tal-assikurata taghha ghall-incident u effettivament fl-istess eccezzjonijiet jirrizulta illi Fogg Insurance Agencies Limited hallsu parti mid-danni dovuti lill-atturi billi hallsuhom ghad-danni fil-vettura taghhom u ghalhekk f'dak il-mument assumew relazzjoni guridika mal-atturi. Il-Qorti rat illi r-relazzjoni guridika bejn l-atturi u s-socjeta' intimata konvenuta tohrog ukoll mill-Artikolu 9 A tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta car illi l-konvenuti kollha accettaw ir-responsabbilta ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement il-Qorti sejra tilqa l-ewwel talba attrici.

Illi konsegwentement il-Qorti sejra tilqa wkoll it-tieni talba attrici u tghaddi sabiex tillikwida d-danni illi dwarhom l-atturi ghadhom ma thallsux.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat ir-rapport ta' l-espert mediku minnha innominat illi wasal ghall-konkluzjoni, wara illi ezamina lill-attrici u wara illi ra ukoll l-MRI tas-sinsla cervikali tal-attrici illi ittiehdet fis-6 ta' April 2002 illi wera sinjali ta' digenerazzjoni tad-disks u wara illi ikkonstata illi l-MRI tas-sinsla lumbari li ittiehed fit-18 ta' Gunju 2002 wera sinjali ta' degenerazzjoni tad-disk bejn ir-raba u l-hames irkiekel lumbari, illi l-attrici Simone Mallan qeghda issofri minn dizabbilita permanenti kagun ta' l-incident li kellha fis-27 ta' Novembru 2001 ta' hamsa fil-mija (5%).

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-likwidazzjoni tad-damnum emergens, il-konvenuti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom jammettu illi l-attrici ghandha tiehu l-ammont ta' elf sebgha mija u sitt ewro u tnax il-centezmu (€1,706.12), izda ma jammettux illi ghandha tiehu ukoll is-somma ta' disa' telef tmien mija disgha u sittin ewro u sitta u erbghin centezmu (€9869.46), rapprezentanti telf ta' introjtu matul il-perjodu bejn Novembru 2001 u April 2003 ghaliex skond huma jekk hija tiehu dan l-ammont tkun qeghda taghmel arrekkiment indebitu stante li din tkun qeghda tigi indennizzata doppjament ghat-telf ta' qliegh peress li dan l-ammont skond huma huwa kopert skond il-ligi mill-kuncett ta' lucrum cessans. Illi bir-rispett kollu il-Qorti ma tistax taqbel ma din it-tezi u dana peress illi l-ammont imsemmi ta' disa' telef tmien mija disgha u sittin ewro u sitta u erbghin centezmu (€9869.46) huwa dovut ghal telf ta' introjtu matul il-perjodu bejn Novembru 2001 u April 2003, jigifieri qabel ma l-attrici giet illicenzjata mix-xoghol u konsegwentement dan l-ammont huwa dovut lilha peress illi hija effettivament irnexxielha tipprova li ma thallsitx din is-somma, u dan kif jirrizulta mid-Dokument minnha esebit a fol. 6 tal-process, liema dokument ma gie bl-ebda mod kontraddett mill-konvenuti.

Illi l-attrici ressqet ukoll xhieda illi kienu jahdmu maghha mas-socjeta' General Gas Limited illi wkoll xehdu fis-sens illi l-attrici tilfet l-impjieg taghha tort tal-ugigh li kienet issofri minnu wara l-incident awtomobilistiku in kwistjoni. L-attrici esebit ukoll dokument a fol. 89 mahrug mill-Managing Director tas-socjeta' General Gas Limited datat 13 ta' Settembru 2002 fis-sens illi l-attrici illi kellha salarju baziku ta' sitta u sebghin liri Maltin u ghaxar centezmi (LM67.10), izda illi fit-13 ta' Settembru 2002 ma kienitx qeghda tircevi aktar salarju, jew pagament iehor mis-socjeta' General Gas Limited.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuti jikkontendu illi peress illi il-Bord Mediku iddecieda illi ma kienx ser ihallas pagamenti lill-attrici l-attrici kienet ezagerat u mhux minnu illi issofri minn dizabilita permanenti. Il-Qorti hija sodisfatta ferm mir-

rapport illi ghamel l-espert mediku minnha innominat is-Sur Charles Grixti u konsegwentement qeghda taddotta l-istess rapport u taghmlu bhala taghha u hija pjenament sodisfatta illi l-attrici sofriet dizabilita permanenti ta' hamsa fil-mija (5%) tort ta' l-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

Illi ghalhekk, in rikapitulazzjoni l-attrici hija dovuta l-ammont ta' hdax il-elf hames mija hamsa u sebghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€11,575.58) bhala damnum emergens.

Illi l-Qorti issa sejra tghaddi sabiex tillikwida l-ammont dovut lill-attrici bhala lucrum cessans.

Illi irrizulta illi l-attrici kellha paga ta' tmien telef mija u sbatax il-ewro u sebgha u tmenin centezmu (€8,117.87) u illi fil-mument ta' l-incident awtomobilistiku in kwistjoni kellha 33 sena.  Gie stabbilit ukoll illi hija qegghda issofri minn dizabbilita permanenti ta' hamsa fil-mija (5%) kagun ta' l-incident in kwistjoni.

Illi l-Qorti rat sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri datata 25 ta' Frar, 2005 fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Buhagiar vs Malta Ship Building Company Limited et u rat illi il-Qrati taghna ittempraw il-formola tal-multipliers spjegata u addottata in re Butler vs Heard, 22 ta' Dicembru 1967, u bdiet thaddem u tikkalkula l-formola tal-multiplier fuq il-bazi tal-working years expectancy.

Illi kif diga intqal, fil-mument ta' l-incident in kwistjoni l-attrici kellha 33 sena.  L-attrici baqghet impjegata sas-sena 2003, jigifieri sa meta kellha 35 sena.  Ghalhekk il-Qorti sejra taddotta l-multiplier ta' hamsa u ghoxrin.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-introjtu annwali tal-attrici, dan fis-sena 2001 kien ta' tmien telef mija u sbatax il-ewro u sebgha u tmenin centezmu (€8,117.87).  Il-Qorti taqbel mat-tezi tal-konvenuti f'dan is-sens fejn saret referenza ghal sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Joseph Briffa vs George Wells et tat-3 ta' Ottubru 2007 u Vincent Zammit vs Bortex Clothing Industry Company Limited tal-11 ta' Dicembru 2008, fejn gie applikat metodu fiss ghall-finijiet

tal-kalkolu ta' l-inflazzjoni tul iz-zmien ta' multiplier koncess skond il-kaz, b'referenza ghaz-zieda moghtija ghall-gholli tal-hajja. Ghalhekk il-formola illi ser tapplika il-Qorti hija s-segwenti :

€242.25 (iz-zieda medja fl-gholi tal-hajja minn sena ghall-ohra multiplikat bil-multiplier) u ma din is-somma ghandu jizdied l-introjtu annwali fis-sena meta sehh l-incident u l-introjtu annwali fis-sena meta jkun sehh l-incident diviz bi tnejn u b'hekk wiehed jistabbilixxi il-qliegh medju ghall-perjodu tal-multiplier. Ghalhekk il-Qorti b'applikazzjoni ta' din il-formola ser izzid l-introjtu medju ta' l-attrici ghall-finijiet ta' l-inflazzjoni bil-mod segwenti :

€242.25 x 25 + €8,117.87 li jaghti s-somma ta' €14,174.12 + €8,117.87 diviz bi tnejn li jaghti is-somma ta' hdax il-elf mija sitta u erbghin ewro (€11,146).

Illi ghal dak illi jirrigwarda id-dizabilita permanenti din giet stabbilita fl-ammont ta' hamsa fil-mija (5%).

Illi ghal dak illi jirrigwarda tnaqqis in vista tal-lump sum deduction, il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija fis-sens illi una volta qeghda issir lump sum payment ghandu jsir tnaqqis ta' ghoxrin fil-mija mis-somma likwidata u il-Qorti effettivament ser tuza dan l-ammont ta' tnaqqis peress illi minkejja l-fatt illi l-proceduri gew istitwiti fis-sena 2002 id-delungar ma kienx dovut tort tal-konvenuti.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tillikwida l-ammont dovut lill-attrici bhala lucrum cessans bil-mod kif gej :

€242.25 x 25 + €8,117.87 = €14,174.12 + €8,117.87 ÷ 2 = €11,146 x 25 x 5% dizabbilita - 20% lump sum reduction illi jaghti s-somma ta' €11,146.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillikwida s-somma dovuta lill-attrici bhala lucrum cessans fl-ammont ta' hdax il-elf mija sitta u erbghin ewro (€11,146).

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tiddisponi minn din il-kawza billi filwaqt illi

tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti tilqa t-talbiet kollha attrici u tillikwida l-ammont dovut lill-attrici bhala damnum emergens fis-somma ta' hdax il-elf hames mija hamsa u sebghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€11,575.58) u l-ammont dovut lill-attrici bhala lucrum cessans fl-ammont ta' hdax il-elf mija sitta u erbghin ewro (€11,146) sabiex b'hekk l-ammont kollu dovut lill-atturi mill-konvenuti huwa ta' tnejn u ghoxrin elf sebgha mija wiehed u ghoxrin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€22,721.58). Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici il-Qorti qeghda tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lill-atturi is-somma imsemmija ta' tnejn u ghoxrin elf sebgha mija wiehed u ghoxrin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€22,721.58); bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra il-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------